MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1388/2002

**Maestro Joseph Gatt**

**vs**

**Mariella Gatt**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur Joseph Gattipprezenta rikors quddiem is-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti, liema rikors gie appuntat ghall-21 ta' Mejju 2002.

Illi meta l-attur dahal quddiem l-Imhallef sedenti, huwa gie nnotifikat proprju dak il-hin b'rikors iehor ipprezentat fis-

Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti minn martu Mariella Gatt.

Illi l-attur lanqas kellu biss il-hin li jaqrah, ahseb u ara kemm seta' jiddiskutih mad-difensur tieghu, li ma kienx prezenti u ma kienx jaf bl-ezistenza tar-rikors ta' Mariella Gatt.

Illi f'dik is-seduta, l-istess rikors ta' Mariella Gatt gie trattat u degretat mis-Sekond' Awla (Dok "A" – Digriet numru 859/02), li ordnat illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tigi fdata lir-rikorrenti Mariella Gatt, salv id-dritt ta' access ghalihom favur Joseph Gatt; ordnat lill-attur ihallas b'effett immedjat is-somma ta' tletin lira (Lm30) manteniment fix-xahar, i.e. Lm20 ghall-minuri u Lm10 ghar-rikorrenti; u awtorizzat lir-rikorrenti Mariella Gatt tirritorna tabita fid-dar matrimonjali gewwa H'Attard.

Illi konsegwentement, l-attur la seta' jikkontesta r-rikors ta' martu Mariella Gatt u lanqas inghata l-opportunita' li jaghmel sottomissjonijiet dwaru.

Illi f'dik is-seduta, minflok ma gie trattat ir-rikors tieghu, gie trattat ir-rikors ta' martu mid-difensur taghha, liema rikors id-difensur tieghu lanqas biss kien jaf bl-ezistenza tieghu, jew imqar kien jaf li kellu jigi trattat dakinhar, jew inghata zmien xieraq biex jipprezenta twegiba ghalih.

Illi l-imsemmi Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti huwa null, invalidu u bla effett ghaliex jivvjola l-principju baziku ta' *audi alteram partem* u l-garanzija ta' smiegh xieraq.

Illi l-imsemmi Digriet gie kkonfermat mill-Prim' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti b'Digriet moghti fit-12 ta' Novembru 2002 li bih l-attrici giet awtorizzata li tirritorna tabita fid-dar konjugali gewwa H'Attard u Joseph Gatt gie ordnat sabiex fi zmien erbat ijiem min-notifika lilu ta' l-istess Digriet jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lil Mariella Gatt *tramite* d-difensuri rispettivi, u dan taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Fin-nuqqas, il-Qorti ser tiehu l-opportuni provvedimenti, inkluz dawk possibbli li Joseph

Gatt jigi ordnat johrog u jevakwa mid-dar konjugali. In vista tal-premess, u wara tali terminu ta' erbat ijiem min-notifika ta' dan id-Digriet lil Joseph Gatt, laqghet f'dan l-istadju l-ewwel talba tar-rikorrenti u ordnat in-notifika ta' l-istess Digriet a spejjez ta' Mariella Gatt lil Joseph Gatt u lill-Kummissarju tal-Pulizija (personali).

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi d-Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti huwa null u bla effett ghaliex jivvjola l-principju baziku ta' *audi alteram partem* u l-garanzija ta' smiegh xieraq;

2. Tiddikjara li b'konsegwenza ta' l-imsemmija nullita', kull decizjoni ohra naxxenti mill-applikabbilta' tad-Digriet numru 859/02 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija wkoll null u bla effett.

3. Tiddikjara li d-Digriet moghti mill-Prim'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Novembru 2002 (Citazzjoni numru 665/02), in kwantu bbazat fuq l-imsemmi Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond' Awla, huwa wkoll null, invalidu u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Mariella Gatt li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attur datat 5 ta' Dicembru 2002 fejn talab li l-kawza tigi trattata u deciza b'urgenza.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat id-digriet tal-affidavit li nghata lill-attur fl-10 ta' Dicembru 2002 fejn inghata terminu ta' ghoxrin (20)

gurnata sabiex jipprezenta l-affidavits kollha tieghu u tax-xhieda minnu ndikati.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-7 ta' Jannar 2003 fejn talbet is-sospensjoni tat-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet taghha sabiex jigu evitati spejjez zejda, *stante* li l-attur wera nuqqas ta' nteress fil-kawza billi ma aderixxiex ruhu mad-digriet tal-affidavits lilu moghti fl-10 ta' Dicembru 2002, u ghalhekk skond l-istess digriet il-kawza setghet tintbaghat Sine Die jew tigi kancellata *ai termini* tal-Kap 12.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-7 ta' Jannar 2003 fejn cahdet it-talba tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-15 ta' Jannar 2003 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-azzjoni u t-talbiet attrici huma mhux biss infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat fil-kors tal-kawza, izda addirittura frivoli u vessatorji ntavolati wara seba' xhur illi fihom l-attur ma waqafx jikser id-dispozizzjonijiet ta' l-istess digriet minnu citat, u dan *nonostante* d-diversi proceduri civili u kriminali li ttiehdu b'success kontra l-istess attur.

2. Illi ma jezisti ebda ksur tal-principju ta' *audi alteram partem* u fis-seduta tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Dr. Tonio Mallia kollox sar regolari u skond il-ligi.

3. Illi din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna sabiex tara l-verbal ta' dik is-seduta sabiex tassikura ruhha illi kollox mexa skond il-ligi u l-attur accetta n-notifika tar-rikors u accetta wkoll illi jsir is-smiegh ta' l-istess rikors kontestwalment mar-rikors li kien minnu ntavolat sabiex ikunu degretati flimkien.

4. Illi *inoltre'* r-rikors minnu ntavolat, li ghalih l-attur kien gie ppreparat, kien jikkoncerna precizament l-istess mertu tar-rikors tal-esponenta, u ghalhekk filwaqt illi huwa frivolu illi jinghad illi l-principju ta' l-*audi alteram partem* kien

vjolat fil-konfront ta' l-attur huwa inaccettabbli illi jinghad illi l-attur ma kellux opportunita' illi jikkontesta r-rikors ta' martu u jaghmel is-sottomissjonijiet fuqu. L-Imhallef sedenti f'dik l-Awla f'dik l-okkazjoni ta d-dritt kollu liz-zewg partijiet jitkellmu u jghidu dak kollu li kellhom xi jghidu qabel ma l-istess Qorti waslet ghad-decizjoni taghha u l-attur kien ben ippreparat peress illi kien ippreparat fuq ir-rikors tieghu, li kif gja' fuq spjegat, gie ttrattat u degretat ukoll dakinhar stess u kien ovvjament jitratta l-istess partijiet, l-istess zwieg, l-istess tfal u l-istess separazzjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta tad-19 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni ta' procedura tas-Sekond' Awla – Digriet numru 859/02 (ghar-rikors numru 954/02) fl-ismijiet inversi. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat ir-rikors datat 20 ta' Frar 2003 ta' Dr. Victor Scerri, l-avukat tal-Ghajnuna Legali assenjat lill-attur, fejn talab li jigi sostitwit.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-21 ta' Frar 2003 fejn laqghet it-talba u ordnat li Dr. Scerri jigi sostitwit bl-avukat mill-elenku li lilu jmissu t-turn.

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 2003 fejn deher Dr. Renzo Porsella-Flores bhala l-avukat tal-Ghajnuna Legali ghall-attur. Il-Qorti rrilevat li d-digriet tad-19 ta' Frar 2003 ma giex osservat peress li l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat l-affidavits taghha. L-attur gie awtorizzat jipprezenta l-affidavits tieghu seduta *stante*. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet li ma jkunux producibbli bil-

procedura tal-affidavit, wara liema seduta ddikjarat il-provi maghluqa.

Rat in-nota tal-konvenuta Mariella Gatt tat-2 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat il-verbal tat-8 t’Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghall-lum 5 ta’ Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Joseph Gatt** ta x-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit fejn bil-gurament tieghu kkonferma hekk:-

*“Nhar il-21 ta’ Mejju 2002 dhert quddiem l-Imhallef fis-Sekond’ Awla ta’ din l-Onorabbli Qorti ghal seduta fejn kellu jigi ttrattat ir-rikors minni pprezentat.*

*Meta dhalt quddiem l-Imhallef sedenti, gejt notifikat u pprezentat dak il-hin stess b’rikors iehor li kien ipprezentat fis-Sekond’ Awla mill-mara Mariella Gatt.*

*Jiena ma kontx assistit u l-proceduri ma kontx nafhom. Ghaldaqstant, accettajt in-notifika u l-Imhallef ipproceda bis-seduta bid-differenza li flok ittratta r-rikors tieghi li proprju kien appuntat ghal dik is-seduta ttratta u ddegreta r-rikors tal-mara, haga li ma setghetx issir skond ma gejt imfiehem wara.*

*L-avukat difensur tal-mara zgur li jaf li din il-procedura kienet zbaljata, pero’ flok ma gibed l-attenzjoni ta’ l-*

*Imhallef sedenti li kien qed jigi vvjolat id-dritt fundamentali tieghi billi*

*- fl-ewwel lok jien gejt notifikat seduta stante,*
*- fit-tieni lok din is-seduta kienet appuntata biex jigi trattat ir-rikorsipprezentat minni,*
*- fit-tielet lok ma kontx assistit, ma kellix zmien biex naqra x'kien hemm fir-rikors, nikkonsulta lid-difensur tieghi, u wisq u wisq aktar ma stajtx nirrispondi. Dan kollu d-difensur tal-mara zgur kien konxju minnu, pero' ha vantagg mill-qaghda tieghi u kompla jirsisti fuq ir-rikors ipprezentat minnu. Dan ghamlu bil-ksur tal-procedura tant li jiena gejt infurmat mid-difensur tieghi Dr. Tonio Azzopardi li meta dakinhar stess iltaqa' mieghu (Dr. Ian Spiteri Bailey) u kellmu dwar dak li gara. Jiena nfurmat li Spiteri Bailey kien konxju mill-vjolazzjoni tal-procedura.*

*Din l-Onorabbli Qorti regghet ikkonfermat dan id-digriet zbaljat fit-12 ta' Novembru 2002, u b'digrieti ohra sussegwenti li kollha huma bbazati fuq dan l-ewwel digriet li huwa null.*

*B'konsegwenza ta' dan, illum jien flimkien ma' wliedi ninsabu zgumbrati mid-dar residenzjali taghna li hija wkoll parafernali, dhalt fi spejjez li ma niflahx ingorr, u fuq kollox ghalkemm ic-cavetta ghaddiet ghand il-mara b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti, il-mara xorta baghet toqghod ghand ommha u missierha f'numru 177, "Milton" Fleur de Lys Road, B'Kara. Din hija ngustizzja kbira, u ghaldaqstant nitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex b'urgenza titratta din il-kawza."*

Illi min-naha taghha l-konvenuta **Mariella Gatt** ipprezentat ukoll l-affidavit taghha fejn sostniet illi:-

*"Qabel xejn nikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata tieghi annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghi ghal din l-istess kawza.*

*Illi r-rikors degretat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (liema digriet qed jigi kkontestat b'dawn il-proceduri) kien appuntat ghall-21 ta' Mejju 2002 fl-10:30 a.m. u ghalhekk*

*huwa skorrett l-attur meta jghid illi kien ir-rikors tieghu li kellu jigi trattat dakinhar, donnu qed jghid illi tieghi ma kienx fuq il-lista ghal dakinhar.*

*Illi l-attur, kif stqarr hu stess, accetta n-notifika u l-Imhallef ipproceda bil-kawza. Mhux veru pero' illi flok ittratta r-rikors tieghu, tratta dak tal-mara. Peress illi l-mertu huwa identiku, l-Imhallef ittrattahom flimkien u ddegretahom it-tnejn kif ghandhom juru l-atti tas-Sekond' Awla.*

*Illi tul il-kors tas-smiegh tar-rikors tieghi u dak tar-ragel li kienu qed jinstemghu kontestwalment, ir-ragel qatt u fl-ebda hin ma talab ghall-Avukat tieghu. Hu qal dak kollu li kellu jghid (seduta ta' madwar nofs siegha), inkluz affarijiet inveritieri fuqi, u l-Imhallef iddegreta biss meta ra illi la jien u lanqas ir-ragel ma kellu xejn aktar xi jghid.*

*Illi huwa wkoll inveritier u dizonest da parti tar-ragel li jghid illi donnu kien l-Avukat tieghi illi ha vantagg minn din is-sitwazzjoni. Fl-ewwel lok dan ghamel biss xoghlu, fit-tieni lok l-Imhallef idderiega s-seduta, fit-tielet lok il-kawza kienet bil-hin u ma jistax jitfa' n-nuqqas ta' l-Avukat tieghu li ma attendiex biex jitratta rikors tieghu stess fuq l-Avukat tieghi.*

*Illi r-ragel stess fl-affidavit tieghu jsemmi digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (12 ta' Novembru 2002) u dan bhal ohrajn ghandu jkun indikazzjoni lil din l-istess Qorti kemm ir-ragel ma ottemprax ruhu mad-Digriet tas-Sekond' Awla, sitwazzjoni attwali sal-lum fejn la jhallas manteniment u anqas ma ta l-kura u l-kustodja effettiva tat-tfal lil martu.*

*Illi mhux minnu illi jiena mhux qed nirresjedi fid-dar matrimonjali. Nghid illi wara hafna xhur ta' tahbit jiena rnexxieli nidhol fid-dar matrimonjali bl-ghajnuna ta' l-ufficjali tal-Qorti u Pulizija u sibt dizastru shih fid-dar vojta li halla warajh, b'dan illi ghaddew numru ta' granet sakemm ergajt ghamilt id-dar abitabbli.*

*L-ingustizzja qed insofriha jiena illi ghal sena shiha sal-lum, minkejja illi ghandi l-kura u l-kustodja tat-tfal, rari lill-*

*istess uliedi li hadhom mieghu u b'brain washing shih kontra tieghi.*

*Finalment illi nappella lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet li qed isiru mill-attur ir-ragel tieghi, li fuq kollox dam seba' xhur shah sakemm bdihom, f'liema seba' xhur ghamel xorta fattih u dak li deherlu hu. Hu kien jaf dakinhar tal-21 ta' Mejju 2002, illi kien gej jiddiskuti s-separazzjoni taghna, hekk ghamel, fuq hekk iddecidiet il-Qorti u ghalhekk li qed jallega hu llum huwa biss tentattiv biex jipprolonga l-proceduri."*

Illi sar affidavit ukoll ta' **Dr. Tonio Azzopardi** datat 28 ta' Mejju 2003 fejn sostna li bhala avukat dak iz-zmien tal-attur kien jaf li r-rikors tieghu kien gie appunat ghall-21 ta' Mejju 2002 izda ma lahaqx attenda ghaliex kellu mpenji ohra l-Qorti; pero' f'dik is-seduta gie trattat ir-rikors tal-konvenuta meta ma kienx assistit minnu. Il-klijent tieghu qallu li ma kienx fehem ir-rikors u ma setghax jirrispondi u lanqas jiddiskutih mal-avukat tieghu. Skond l-avukat dan ma setax isir ghaliex kellu d-dritt jikkonsulta ruhu mal-avukat tieghu. Fittex lil Dr. Ian Spiteri Bailey u kkonferma dan. Skond ix-xhud il-procedura adottata ma setghetx issir u t-trattazzjoni tar-rikors kellha tithalla ghal data ohra meta kellu jkun prezenti mal-avukat tieghu. Qal lill-attur li kull digriet sussegwenti kien ukoll null u saret din il-kawza.

Illi **Dr. Ian Spiteri Bailey** xehed fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2003 fejn qal li kien huwa li kien prezenta r-rikors tal-konvenuta quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' April 2002. Ir-rikors gie appuntat u gie differit sabiex jinstema' flimkien mar-rikors tal-attur sabiex jigi awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni minn mal-konvenuta. Iz-zewg rikorsi tmexxew kontestwalment mill-Onorevoli Imhallef Dr. Tonio Mallia. Ir-rikors tal-konvenuta gie notifikat seduta *stante* lill-attur u l-Imhallef sedenti kien ukoll fiehem il-kontenut tar-rikors lill-attur u kien sema' dak kollu li kellhom jghidu l-partijiet fuq l-istess. Dr. Tonio Azzopardi kien imsejjah u ma deherx. Ma jiftakarx li l-attur talab ghal differiment sabiex jinstema wkoll Dr. Tonio Azzopardi, izda l-partijiet tkellmu estensivament dwar il-problemi matrimonjali taghhom. Fil-fatt inghata digriet fuq

ir-rikors tal-konvenuta u digriet fuq ir-rikors tal-attur. Dwar ix-xhieda ta’ Dr. Tonio Azzopardi huwa ma qabilx mal-kliem li l-istess avukat qal fuqha anzi cahad li kellmu bil-mod suggerit mill-istess xhud.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI .

Illi jidher li l-attur f’din il-kawza qed jikkontendi li d-digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Mejju 2002 fuq rikors tal-konvenuta datat 25 ta’ April 2002, Digriet Numru 859/2002 huwa null ghaliex gie vjolat il-principju ta’ *audi alteram partem* u garanzija ta’ smiegh xieraq u dan peress li huwa qed isostni li l-istess rikors tal-konvenuta kien notifikat lilu seduta *stante* dakinhar stess tas-seduta, meta huwa kellux avukat prezenti, u allura ma setax jikkonsulta mieghu, u ghalhekk huwa ma kellux opportunita’ li jipprezenta risposta u b’hekk ma setax jikkontesta l-istess rikors.

Illi bhala fatt u mill-atti processwali, ukoll allegati fil-process ta’ din il-kawza jirrizulta li r-rikors tal-konvenuta datat 25 ta’ April 2002 gie l-ewwel appuntat ghall-14 ta’ Mejju 2002, izda b’verbal ta’ dakinhar stess l-istess rikors gie appuntat ghall-21 ta’ Mejju 2003 sabiex jinstema mar-rikors fl-ismijiet inversi pprezentat mill-attur, li proprju kien jikkoncerna awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi b’kawza ghall-firda personali.

Illi fil-21 ta’ Mejju 2002 jidher li dehru l-partijiet u Dr. Ian Spiteri Baliley ghall-konvenuta, dakinhar rikorrenti, u hemm verbalizzat li l-istess attur bhala *“ntimat gie moghti kopja tar-rikors u l-avviz u ta ruhu notifikat”. “L-intimat jiddikjara li ma jahdimx u jirregistra”. “Inghata Digriet”* u dan jinsab riportat a fol. 31 tal-process, tali digriet datat 21 ta’ Mejju 2002.

Illi r-rikors tal-konvenuta quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili bit-talbiet hemm kontenuti gie pprezentat abbazi tal-**artikolu 470 (1) tal-Kap 12** u dwar l-appuntament u n-notifika tal-istess hemm l-**artikolu 480**

**(1) tal-Kap 12** li fiz-zmien relattiv kien jipprovdi li l-istess rikors ghandu jigi appuntat ghas-smiegh f'data vicina, f'kull kaz mhux aktar tard minn sitt ijiem tax-xoghol mid-data tal-prezentata tieghu u ghandu jigi notifikat minghajr dewmien flimkien ma' l-avviz ta' dak l-appuntament.

Illi f'dan il-kuntest jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-istess attur gie notifikat bl-istess rikors u d-data tal-appuntament tas-smiegh fil-hin li gie mghajjat kif appuntat ir-rikors bl-ismijiet inversi tal-attur innifsu l-istess, tant li iz-zewg rikorsi, kif inhu logiku li jsir instemghu kontestwalment quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja. Jigi nnutat li kontrarjament ghal dak li jidher li qed jigi ndikat mill-attur, ma hemm xejn fil-ligi li jaghti dritt lill-intimat jew intimata f'dawk il-proceduri li jipprezentaw risposta u dan ghaliex huwa wkoll ovvju li l-Qorti tiehu l-informazzjoni li jkollha bzonn minghand il-partijiet stess, u dan bil-mezzi kollha, anke bla gurament indikati fl-**artikolu 471.**

Illi jirrizulta wkoll, anke mix-xhieda tal-istess konvenuta u ta' Dr. Ian Spiteri Bailey li l-Qorti kif presjeduta hadet l-informazzjoni kollha li kien hemm bzonn direttament minghand il-partijiet tant li hemm verbalizzat dak li l-intimat qal lill-istess Qorti dwar in-nuqqas ta' mpjieg tieghu u fil-fatt hemm verbalizzat li *"l-intimat jiddikjara li ma jahdimx".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti hadet l-informazzjoni l-ohra minghand iz-zewg partijiet tant li ddegretat dwar il-punti kollha sollevati fl-istess rikors inkluz l-awtorizzazzjoni ghall-separazzjoni, kura u kustodja tal-minuri u access tal-istess, u manteniment ghall-istess minuri u l-konvenuta, u wkoll ir-raba talba tal-konvenuta fl-istess rikors li ma gietx milqugha pero' awtorizzat lilha sabiex tirritorna fid-dar konjugali bla ma zgumbrat lill-attur mill-istess dar konjugali, kif effettivament giet mitluba li taghmel.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti hadet l-informazzjoni minghand iz-zewg partijiet, wara li appuntat ir-rikors u wara li l-istess attur ta ruhu notifkat bih

bl-istess seduta. Ma jidhirx li l-istess attur oppona ghal dan b’xi mod, u lanqas li ma giex moghti l-opportunita’ jaghti l-informazzjoni mehtiega, u jidher car li l-partijiet fl-istess rikors gew trattati ugwalment u skond il-ligi. Illi huwa ovvju fl-istess proceduri li l-informazzjoni li l-Qorti tista’ tesigi mill-partijiet tittiehed principarjament, anke b’mod informali, minghand il-partijiet innifishom, u hekk jidher li sar mill-istess Qorti.

Illi ma hemm l-ebda dubju li f’dan il-kaz l-ebda regola ta’ procedura ma giet miksura, u l-principju ta’ *audi alteram partem* fil-limiti li l-istess principju japplika ghall-proceduri ta’ din in-natura kif ben osservat, *stante* li l-attur inghata l-opportunita’ kollha mill-istess Qorti li jaghti l-kummenti tieghu fuq l-istess, kif jidher li sar mal-konvenuta, u certament li l-procedura adotta ma kienet bl-ebda mod pregudizzjarja ghall-attur, u certament ma kien hemm ksur ta’ l-ebda dispozizzjoni tal-ligi, anzi jidher li l-istess Qorti imxiet sew mal-istess ligi.

Illi jigi nnutat li dan ir-rikors tal-konvenuta gie trattat fl-istess hin li kellu jigi trattat ir-rikors pprezentat mill-attur innifsu, u jidher li d-difensur tal-attur ma kienx prezenti ghall-istess rikors minkejja li kien jaf bl-appuntament tieghu, mhux ghax ried izda ghaliex kien impenjat b’xoghol iehor fil-Qorti. Ovvjament dan bl-ebda mod ma jista’ jinghad li jannulla l-imsemmija proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili la ghar-rikors imressaq mill-attur u lanqas ghar-rikors imressaq mill-konvenuta, u ghalhekk fuq dan kollu jidher li l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li assolutament infondati fid-dritt, anzi hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li l-istess allegazzjonijiet vantati huma frivoli.

Illi jinghad ukoll li fl-ebda stadju ta’ dawn il-proceduri l-attur jew id-difensuri tieghu ma ndikaw liema dispozizzjonijiet tal-ligi gew vjolati sabiex tirnexxi t-talba tieghu biex tali Digriet jigi ddikjarat null u bla effett u dan huwa wkoll sinifikattiv anke ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 789 (1) tal-Kap 12,** fil-mizura li tali artikolu jista’ jkun applikabbli ghall- kaz *de quo.*

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet kollha attrici** *stante* li huma bla ebda fondament legali u nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------